# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum l-Erbgħa 30 t' Ottubru, 2024

**Rikors Ġuramentat Nru.: 607/2016 MH**

**Numru: 10**

**Carmen Micallef**

**vs**

**Joseph Micallef u Francis Micallef**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attriċi tal-21 ta' Lulju 2016** li permezz tiegħu ressqet is-segwenti premessi u talbiet –

> *"Illi l-intimati jigu n-neputijiet tad-defunt Anthony Micallef li miet nhar it-3 ta' Jannar 2016 skond anness certifikat tal-mewt anness u mmarkat DOK A;*

*Illi id-defunt Anthony Micallef miet b'testment in atti Nutar Angelo Vella tas-06 ta' Jannar 1978 kif jidher mill-annesi ricerki testamentarji immarkati Dok B u Dok C;*

*Illi skond it-testment sucitat anness u immarkat Dok D halla bhala eredi lil mara tieghu Victoria li mietet qablu fil-11 ta' Dicembru 1998 skond certifikat tal-mewt anness u immarkat Dok E u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.*

*Illi kwindi l-eredita' tieghu ddevoliet lateralment fuq hutu cioe' Salvu Micallef u Carmelo Micallef, it-tnejn mejta qabel id-defunt skond l-annessi certifikati DOK F u DOK G*

*Illi l-konvenuti huma l-eredi universali ta' Anthony Micallef;*

*Illi matul hajtu l-esponenta kienet iprestat servigi lill-istess defunt Anthony Micallef billi kienet tiehu hsiebu fil-bzonnijiet ta' kuljum;*

*Illi l-esponenta tigi il-mara ta' wiehed mill-intimati u senjatament Francis Micallef u li minkejja li tezisti l-komunjoni ta' 1-akkwisti bejniethom. xorta wahda kellha taghmel din il-kawza kontra tieghu sabiex il-gudizzju ikun wiehed integru:*

*Illi l-esponenta interpellat lil-eredi tad-defunt Anthony Micallef sabiex in solidum bejniethom jersqu ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas tas-servigi resi minnha vita durante ta' l-istess Anthony Micallef;*

*Illi l-eredi naqsu li jersqu ghal tali likwidazzjoni ta' servigi resi u eventwali hlas, ghajr ghall-intimat Francis Micallef li qabel li l-esponenta ghandha tithallas kumpens ghal servigi resi;*

*Ghaldaqstant jghidu l-intimati in solidum bejniethom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tiddikjara li l-esponenta ipprestat servigi lid-defunt Anthony Micallef matul hajjithom:*

*2. Tiddikjara lill-intimati flimkien u in Solidum bejniethom qua eredi tad-defunt Anthony Micallef bhala responsabbli ghal hlas ta servigi li r-rikorrenti pprestat lil Anthony Micallef meta dan kien ghadu haj;*

*3. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta periti nominandi is-servigi resi mill-esponenta lil Anthony Micatlef;*

*4. Tikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lir-rikorrenti, in linea ta servigi, dak il-kumpens hekk kif likwidat;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati flimkien u solidalment bejniethom ingunti in subizzjoni".*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Joseph Micallef tal-10 ta' Ottubru 2016**[1] permezz ta' liema ressaq dawn l-eċċezzjonijiet –

1. *"Preliminarjament, l-intempestivita' ta' l-azzjoni attrici stante illi tali azzjoni ma gietx preceduta minn ebda interpellazzjoni sabiex isir dak li qed jigi mitlub bl-azzjoni odjerna.*

2. *Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi m'huwiex minnu li l-attrici servit xi servigi lid-defunt Anhtony Micallef.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kull kaz kwalunkwe kumpens ghal servigi m'huwiex dovut jekk ma jkunx gie mifthiem stante r-relazzjoni familjari.*

4. *Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attirici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti stante illi kumpens ghal servigi m'ghandux jinghata meta l-ghajnuna moghtija ma tkunx 'il barra minn dak li hu ragjonevolment mistenni f'kaz ta' relazzjoni familjari.*

5. *Illi in oltre', u bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatti u fid-dritt stante illi l-attrici thallset izjed mnn dak li seta' kien jispetta lilha ghal kwasiasi servigi illi setghet talvolta ipprestat."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

[1] Fol 23 et seq

Rat li **l-konvenut Francis Micallef, ir-raġel tal-attriċi, ma ntavola ebda risposta u għalhekk huwa kontumaċi**.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-attriċi qegħda titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' serviġi allegatament ipprestati minnha liz-ziju ta' żewġha, Anthony Micallef, matul ħajtu.

Minn naħa tiegħu l-konvenut Joseph Micallef jirrespinġi dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Il-konvenut l-ieħor Francis Micallef ossija r-raġel tal-konvenuta għalkemm ma ressaqx eċċezzjonijiet, xehed favur il-pretensjonijiet ta' martu.

Sintetikament mill-atti jirriżulta li l-attriċi hija miżżewġa lill-konvenut Francis Micallef u joqogħdu r-Rabat Malta. Francis Micallef u l-konvenut l-ieħor Joseph Micallef huma aħwa.

Anthony Micallef, illum defunt, huwa z-ziju tal-aħwa Micallef. Huwa kien miżżewweġ lil Victoria u jgħixu l-Mellieħa. Tfal ma kellhomx. Wara l-mewt ta' martu huwa baqa' jgħix waħdu fl-istess dar. Meta miet, il-wirt tiegħu devolva fuq ħutu li pero', minħabba l-premorjenza tagħhom, għadda għand il-konvenuti bħala eredi universali.

**<u>Eċċezzjoni preliminari</u>**

**L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Joseph Micallef** tissolleva l-intempestivita' ta' l-azzjoni attriċi stante illi tali azzjoni ma ġietx preċeduta minn ebda interpellazzjoni sabiex isir dak li qed jigi mitlub bl-azzjoni odjerna.

Huwa minnu li mill-atti ma jirriżultax li l-attriċi nterpellat lill-konvenuti b'ittra uffiċjali. Detto cio' lanqas ma jirriżulta li l-konvenuti ġew b'xi mod preġudikati minħabba dan. Infatti l-istess Joseph Micallef ressaq id-difiża tiegħu u ma jidhirx li baqa' jinsisti fuqha din l-eċċezzjoni tant li lanqas fit-trattazzjoni finali ma ssemmiet.

**Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.**

## Mertu

**Fl-ewwel talba** tagħha l-attriċi qed titlob lill-Qorti tiddikjara li hija pprestat serviġi lid-defunt Anthony Micallef matul ħajtu.

Jingħad fl-ewwel lok in linea ta' ġurisprudenza li kif ingħad fil-każ **Carmelo Azzopardi et vs Alfred Camilleri et deċiż fis-26 ta' Ġunju 2018** –

> *"Illi ai termini tal-Kodiċi Ċivili s-serviġi huma kkunsidrati bħala tip ta' kważi-kuntratt. L-artikolu 1012 tal-Kodiċi Ċivili jiddefenixxi l-kwazi-kuntratt bħala: "fatt leċitu u volontarju, li minnu toħroġ obbligazzjoni lejn persuna oħra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*
>
> *Abbażi tal-prinċipju delineat f'dan l-artikolu persuna li tippresta serviġi tesiġi d-dritt li tiġi kumpensata u dan għar-raguni li hija tkun qed tarreka vantaġġ lill-persuna li tkun qegħda tirċievi tali serviġi. Tul is-snin iżda l-Qrati tagħna varjaw il-mod kif iħarsu lejn is-serviġi u l-ħlas tagħhom. Fil-kawża fl-ismijiet* ***Giuseppina Deidun et vs. Emila Poggi et*** *deċiża il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Ottubru, 1954 ingħad kif isegwi:*
>
> *'Il-kumpens għal serviġi prestati jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta ċ-ċirkustanzi juru ċar illi min ippresta s-serviġi kellu l-intenzjoni li jitħallas għalihom. Il-prestazzjoni tal-serviġi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita' u r-rinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment.*
>
> *U fil-ġurisprudenza reċenti, anki għar-rigward tal-parenti, huwa applikabili l-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwita', sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela. Jekk il-provi juru li, meta ġew prestati s-serviġi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jitħallas għalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens. Dak li hu importanti li għandu jiġi eżaminat, biex wieħed jara għandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta ġew prestati s-serviġi; u ċirkustanzi sussegwenti ma joperawx*

> *retroattivament biex joħolqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joħolqu."*

Imbagħad fil-każ **Tessie Micallef vs Lawrence Galea et deċiż fit-28 t'April 2011** kompla jingħad hekk -

> *"Min jallega li s-servigi saru b'xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa' l-prezunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta' hlas. Fis-sentenza deciza fil-25 ta' April 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef R. Pace) fl-ismijiet* ***Caruana vs Mallia*** *(Kollez. Vol: LXXXVI.iii.174) gie konfermat li kull servigi, ukoll moghtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu nghataw bit-tama ta' kumpens jew hlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi nghata bla hsieb ta' kumpens jew hlas (ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef Tonio Malllia) tal-11 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet* ***Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius****).*
>
> Dan jirrifletti dak li qalet il-Qorti preċedentement fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Ġili vs Grixti** fejn l-Qorti qalet *"...fin-nuqqas ta' ċirkostanzi li juru l-kuntrarju kull serviġi għanu jiġi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens"*[2]

Ara wkoll:

**Farrugia vs Caruana** deciza fit-12 ta' Dicembru 1935;

**EllulI vs EIIuI** deciza fit-12 ta' Frar 1980;

**Azzopardi vs Azzopardi** deciza fl-24 ta' Mejju 1989;

**Attard vs Attard** deciza fit-13 ta' Ottubru 1989 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

**Borg vs Gaffiero** deciza fit-28 ta' Marzu 2003;

**Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius** deciza fil-11 ta' Dicembru 2003

---

[2] O3/10/91 P.A.

It-teżi tal-attriċi hija li partikolarment fl-aħħar tmien snin ta' ħajjet Anthony Micallef, merta huwa kien ilu armel, beda jmajna minn saħħtu u hi bdiet tieħu ħsiebu fil-bżonnijiet tiegħu fosthom tisjir, tindif u assistenza oħra meta kien ikollu problemi ta' natura medika.

Minn naħa l-oħra l-konvenut jirribatti li Anthony Micallef baqa' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu sa mewtu. Ukoll, minn mindu mietet martu, l-aktar persuna qrib tiegħu kienet oħt il-mara Celia Muscat li kienet iżżuru u teħodlu ikel u anke hu kien spiss imur għandha u joħroġ magħha u ma' żewġha.

Iż-żewġ kontendenti ressqu xhieda biex jissostanzjaw it-teżi tagħhom.

Il-Qorti hija għalhekk rinfaċċjata b'verżjonijiet ferm kontrastanti dwar il-mertu tal-kawża.

Kif inhu pero' rassodat fil-ġurisprudenza, dawn id-diverġenzi fil-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet m'għandux ikun ta' ostaklu biex il-Qorti tasal għall-ġudizzju tagħha.

Ingħad hekk fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deċiż fil-15 ta` Diċembru 2015**[3]-

"***Konflitt tal-verżjonijiet***

[3] Rik Gru Nru 1170/86

*Fis-sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża* ***`Xuereb et vs Gauci et`*** *il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp ċivili –*

*"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "***Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma***", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

*(ara wkoll: "***Bugeja vs Meilak***" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; "***Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa***" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003; "***Farrugia vs Farrugia***" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)*

Fuq nota simili, il-Qorti qalet hekk fil-każ **Pickless Ltd vs Saviour Farrugia et deċiż fl-20 ta' Jannar 2016**[4] **-**

*"Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi ingħad illi:*

*"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet) għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-izbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha .... .... Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke' fuq il-bilanċ tal-*

[4] Rik 445/07

*probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (...) anzi', f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*[5]

*Ingħad ukoll illi:*

*"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja*[6]*."*

*Fil-każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi konfliġġenti, il-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiema, u ċioe:*

*1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur*[7]*.*

*Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, fuq preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konviċiment tal-ġudikant*[8]*."*

## Verżjoni tal-attriċi u x-xhieda mressqa minnha

**L-attriċi Carmen Micallef** xehdet li sa minn żmien l-għerusija, hi u żewġha l-konvenut Francis Micallef kienu jżuru lil Anthony u Victoria Micallef spiss

---

[5] **Carmel Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-24 ta' Novembru 1 966.
[6] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Gunju 1980
[7] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza fl-24 ta' Marzu 2004)
[8] **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza fis-19 ta' Mejju 2015

ġewwa d-dar tagħhom il-Mellieħa. Maż-żmien, Victoria mardet u mietet circa f'Diċembru 1998. Wara l-mewt tagħha, Anthony baqa' jgħix waħdu fid-dar matrimonjali u peress li ma kellhomx tfal, ma kellu ebda għajnuna. Huma baqgħu iżuruh darba f'ġimgħa u kienu jieħu l-ikel magħhom. Ġieli kienu jmorru jwassluh għal xi appuntamenti l-isptar jew iġibulu l-mediċini miċ-Ċentru tas-Saħħa ġewwa l-Mosta. Ġieli anke ħarġuh u marru jistadu. Pero' għal diversi snin wara l-mewt ta' martu, Anthony kien għadu jagħmel xi xogħol tad-dar u kien jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.

Meta beda għaddej iż-żmien, u partikolarment fl-aħħar tmien snin ta' ħajtu, Anthony beda sejjer lura minn saħħtu. Beda jimrad iżjed spiss u kellu aktar bżonn min jieħu ħsiebu. Kull meta kien ikun ma jiflaħx jew itih xi ħass ħażin, il-ġirien kienu jċemplilha u hi kienet tmur tassistih. Kienet tmur mir-Rabat għall-Mellieħa bil-karozza tagħha.

Kien Anthony stess li taha ċ-ċavetta tad-dar tiegħu biex tidħol b'liberta' kull meta jkun hemm bżonn. Ħadd aktar ħliefha ma kellu ċavetta.

Ġieli anke raqdu xi ljieli miegħu hi u żewġha meta kien hemm bżonn. Kull meta kien jintbagħat l-isptar, huma kienu jibqgħu miegħu l-emerġenza sakemm jarawh it-tobba u jiġi ssetiljat fis-sala. L-isptar kienet teħodlu xi bżonnijiet bħal sapun tal-leħja, ilma, frott u gallettini.

Fil-perjodi li kien ikun l-isptar, l-attriċi xorta kienet tmur id-dar tiegħu u tbiddillu l-lożor u tnaddaf fejn ikun hemm bżonn. Kienet ukoll taħsillu l-ħwejjeġ li ġġib mill-isptar u meta kienu jibagħtuh, hija kienet tmur għalih u twasslu d-dar.

L-attriċi kienet tmur iżżuru xi 3 jew 4 darbiet fil-ġimgħa u teħodlu l-ikel magħha minkejja l-esiġenzi tal-familja tagħha inkluż bintha ta' 9 snin.

Kienet ukoll l-attriċi l-punt ta' kuntatt mat-tobba u konsulenti ta' Anthony u professjonisti oħra. Ukoll, meta wara assessjar li sar fid-dar tiegħu minn social workers ġew suġġeriti xi affarijiet għad-dar tiegħu peress li hu qatt ma ried imur jgħix f'dar tal-anzjani jew jorqod f'*night shelter*, kienet l-attriċi li ħadet ħsieb kollox. Għalkemm huwa kien irrifondiha tal-ispejjeż li ħallset pero' ħadet mill-ħin tagħha biex qdietu.

Fil-11 ta' Diċembru 2015 Anthony Micallef waqa' u weġġa' mhux biss spallejh imma anke rasu. Dan kollu kkomplika s-sitwazzjoni għax issa kellu bżonn ħafna aktar għajnuna peress li ma seta' jagħmel xejn u dan kienet tagħmlu l-attriċi.

Madankollu fit-2 ta' Jannar 2016 Anthony Micallef reġa' ħassu ħażin. L-attriċi ħaditu l-isptar fejn baqgħu miegħu sa tard fl-għaxija fl-emerġenza hi, żewġha u t-tifla. Madankollu huwa miet l-għada fil-għodu fit-3 ta' Jannar 2016.

L-attriċi ħadet ħsieb kull ma kien hemm bżonn, billi marret iġġiblu l-ħwejjeġ mill-Mellieħa għat-tkeffin u organizzatlu l-funeral. Il-funeral tħallas mill-kont bankarju tal-mejjet.

Xi ġranet wara l-funeral hija telgħet il-Mellieħa biex tqassam xi santi tal-mewt lill-ġirien u meta dawn qalulha li kien inqata'd-dawl, hija pruvat tidħol fir-residenza tal-mejjet biex tiċċekkja s-salvavita. Madankollu hija sabet il-bieb imbarrat u dwar dan għamlet rapport l-għassa tal-Pulizija[9]. Ġie mitkellem dwar dan il-konvenut Joseph Micallef in vista' ta' episodju ieħor li kien seħħ bejniethom xi ġranet qabel iżda nsista li ma jaf b'xejn.

F'Awwissu 2016 huma daħlu fid-dar ta' Anthony biex ibattluha u ħallsu l-kontijiet pendenti u hija tat iċ-ċwievet lura lis-sid.

**Il-konvenut Francis Micallef**, ir-raġel tal-attriċi, issostanzja dak li qalet l-attriċi dwar l-għajnuna li hija kienet tagħti lil Anthony Micallef.

**Il-ġirien ta' Anthony Micallef** ċioe' Theodora sive Dora Azzopardi, Alfred Vella u Mary Joan Vella, li kienu ilhom jafuh madwar 50 sena xehdu dwar l-għajnuna li l-attriċi kienet tagħtih:

**Dora Azzopardi** qalet li meta saħħtu bdiet sejra lura, mhux l-ewwel darba kienu jmorru għandha l-ġirien biex hija ċċempel lill-attriċi ħalli tinfurmaha li Anthony kellu bżonn l-għajnuna. Xehdet ukoll li matul l-aħħar 8 snin ta' ħajjet Anthony kienet l-attriċi biss li tieħu ħsiebu. Kienet tara lil Carmen sikwit tmur tara minn jeddha x'għandu bżonn Anthony u tqatta' ħin twil għandu. Taf li l-attriċi kienet spiss issajjarlu, twasslu l-isptar meta jkollu bżonn u f'dawk il-perjodi kienet

[9] Rapport a fol 77 et seq

taħsillu l-ħwejjeġ, tnaddaflu u taħsillu. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdiet tara lill-attriċi tiġi u tieħu ħsiebu aktar spiss u dan f'kull ħin tal-ġurnata.

**Alfred u Mary Joan Vella** xehdu li fl-aħħar snin ta' ħajjet Anthony Micallef, huma lill-attriċi kienu jaraw iddur bih. Meta ġieli kien ikun batut kienu jmorru għand Dora Azzopardi biex iċċempel lill-attriċi ħalli tmur tassistih. Jekk kien ikun hemm bżonn li jittieħed l-isptar kienet l-istess attriċi li tieħdu. Kienu jarawha tnaddaflu u tqatta' ħafna ħin miegħu d-dar. Huma xehdu li l-attriċi kienet ilha circa 8 snin tieħu ħsieb lil Anthony u hija bdiet tmur aktar spiss aktar ma beda jikber u aktar ma saħħtu bdiet tmur lura fl-aħħar snin ta' ħajtu.

<u>**Verżjoni tal-konvenut Joseph Micallef u tax-xhieda mressqa minnha**</u>

**Il-konvenut Joseph Micallef**, li huwa n-neputi ta' Anthony Micallef, xehed li hu kellu relazzjoni tajba ħafna miegħu u kienu jkunu ta' spiss f'kuntatt bit-telefon. L-aħħar li tkellmu kien lejlet il-Milied tal-2015.

Kien hemm drabi li hu kien iżur lil Anthony l-Mellieħa flimkien mat-tfal u drabi oħra mar huwa għandhom ġewwa Ħad-Dingli.

Il-konvenut baqa' jmur iżur lil Anthony l-Mellieħa sa madwar ħames snin qabel ma' dan miet għax imbagħad żdidulu l-impenji peress li kellu ħanut.

Huwa jsemmi li sas-sajf ta' qabel miet, fl-2015, lil Anthony kien rah b'saħħtu għax iltaqgħu miegħu r-Rabat meta kien mar jixtri minn ħanut hemmhekk. Dakinhar Anthony kien qallu li kien sejjer għand oħt il-mara tiegħu Celia Muscat.

Il-konvenut jiftakar lil Anthony kien dejjem it-tip li jrid jagħmel l-affarijiet waħdu. Kien joħroġ jiġbor il-kappar u l-bebbux u kien jaqbad tal-linja biex jivvjaġġa fosthom biex imur il-Bank tal-Mosta jew ta' San Pawl il-Baħar ħalli jsarraf iċ-ċekkijiet tal-pensjoni.

Il-konvenut isostni li Anthony Micallef l-aktar li kien iġib kien lilu u lil Celia. Ma tantx kien jafda nies barranin u lanqas mal-attriċi ma tant kellu kunfidenza. Jekk kien ikollu bżonn xi ħaġa kien jgħid jew lilu jew lil Celia.

Hu jiftakar li Celia kienet ukoll tmur iżżur lil Anthony u toħodlu l-ikel tant li anke meta kienet għadha ħajja martu, Celia kienet tmur spiss. Anthony qatt ma qallu li l-attriċi kienet titla' ħdejh tnaddaflu jew iddur bih jew issajjarlu.

Wara li mart Anthony mietet fl-1998, Celia kienet l-aktar persuna qrib tiegħu u miegħu lilha biss kien isemmi. Meta miete martu, Anthony kellu 71 sena u kien għadu b'saħħtu jagħmel kollox waħdu u ġieli kien joħroġ ma' Celia u żewġha saċ-Ċirkewwa.

Skont il-konvenut, Anthony baqa' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu sa mewtu u lejn l-aħħar ta' ħajtu għalkemm kien xjah, anke meta weġġa jdejh ftit jiem qabel miet, huwa xorta d-dar ried imur mill-isptar.

Inoltre, meta hu mar fid-dar ta' Anthony circa 8 xhur wara mewtu, d-dar kienet inkallata bil-ħmieġ.

**Celia Muscat**, oħt il-mara tad-defunt AnthonyMicallef, tixhed li hi u żewġha kellhom relazzjoni tajba ħafna mal-konjuġi Micallef. Meta oħtha mardet, kienet talbitha biex tieħu ħsieb lil Anthony wara mewtha u hekk għamlet. Wara l-mewt t'oħtha hi baqgħet iżżuru kull 3 ġimgħat u kienu jċemplu kull ġimgħa. Ġieli anke ħareġ magħhom.

Kemm il-darba meta kien jidħol l-isptar kienu jwassluh hi u r-raġel u wara li joħroġ kienet tieħdu għandha d-dar sakemm jirkupra. F'dawk id-drabi meta huwa kien jinsisti li mill-isptar jibqa' sejjer id-dar, hija kienet tinżel kuljum għandu l-Mellieħa għal xahar sħiħ biex tippreparalu dak li hemm bżonn sakem jieħu lura saħħtu u mbagħad kien ikompli jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.

Anthony kien dejjen jieħu ħsieb l-affarijiet tiegħu, kien isajjar, inaddaf u jaħsel ħwejġu tant li sa tlett snin qabel miet huwa kien imur jiġbor il-kappar u l-bebbux. Huwa kien imur Għawdex waħdu, anke 3 darbiet matul is-sajf. Hu kien anke jitla r-Rabat għandha u kien imur il-Mosta u anke l-Belt. Darba minnhom kienet qaltlu li ma tiflaħx għax kienet qed tieħu l-chemo u għal ħabta ta' Mejju 2013 kien mar jaraha d-dar.

Fl-aħħar 3 snin pero' kien qed jaqta' lura tant li d-dar tiegħu kienet traskurata u kien hemm anke riħa tinten. Pero' kien għadu joħroġ u jmur sal-Knisja u sal-Bank.

Ix-xhud qalet li lill-attriċi qatt ma ratha għandu u hu qatt ma semmielha li kienet tmur iddur bih. Hu ma kien iħalli lil ħadd jieħu ħsiebu iżda kien jagħmel kollox waħdu u kien għalhekk li fl-aħħar 3 snin ta' ħajtu d-dar ġiet traskurata peress li saħħtu marret lura.

Hija tgħid li baqgħet tmur għandu sa 3 ġimgħat qabel ma miet u d-dar kienet tinten u kollox kien jidher mitluq. Il-banju kien iswed, trab kullimkien u riħa ta' drenaġġ.

Anthony ma kienx jafda barranin u huwa għandha biss kien imur. Anzi, x-xhud tgħid li ma kellux grazzja mal-attriċi u ma żewġha u għalhekk żgur ma jistax ikun li kien iħalliha ddur bih.

Xehdet ukoll li huwa kien iżomm il-flus tal-pensjoni d-dar flimkien ma' diversi oġġetti tad-deheb.

Hija mbagħad żiedet tgħid li l-unika ħaġa li l-attriċi forsi kienet tagħmel kien li twasslu l-isptar u ġġibu lura, peress li x-xhud kienet mardet, pero' żgur ma kinitx tnaddaflu għax id-dar kienet maħmuġa.

Celia Muscat qalet ukoll li kull meta hija kienet tmur l-isptar ma' Anthony, huwa kien itiha €25 (Lm10) għal ġurnata xogħol li tkun tilfet. Anthony kien persuna li joffrilek il-flus jekk tagħmel xi ħaġa miegħu u għalhekk fil-fehma tagħha jekk l-attriċi kienet twasslu l-isptar u tieħdu lura d-dar, huwa żgur kien jagħtiha l-flus talli jkun qalagħha.

**Gabriel Micallef, iben il-konvenut Joseph Micallef**, xehed li sa minn mindu kienu tfal kienu jmorru jżuru lil Anthony Micallef mal-konvenut u anke hu ġieli mar għandhom b'tal-linja.

L-aħħar li ltaqa' ma' Anthony kien is-sajf qabel ma miet u dan ġewwa r-Rabat meta mar jixtri ma' missieru. Huwa qalilhom li kien tela r-Rabat għand Celia u mar biex jixtri xi żewġ qomos u qliezet.

Meta ġieli kien imur għandu, hu dejjem kien jieħu ħsieb l-affarijiet tiegħu hu. Saħansitra kien jagħmel il-basal tal-pikles, jiġbor il-bebbux u jiġbor il-kappar. Hu kien dejjem attiv u anke kien imur jistad.

L-attriċi u l-konvenut żewġha joqogħdu warajhom. Hu qatt ma ra lil Anthony għandhom u qatt ma semmewh fil-preżenza tiegħu jew qalu li sejrin għandu.

Huwa sar jaf bil-mewt ta' Anthony l-għada t-Tnejn. Ġew infurmati mir-raġel ta' Celia li l-attriċi u żewġha kienu diġa' niżlu l-Mellieħa u meta huma marru sabuhom barra d-dar ta' Anthony. Carmen kellha ċ-ċavetta f'idha u ma

ħallithomx jidħlu u qaltilhom li Anthony ma ridhomx hemm ġew u li lil missieru kien neħħih mill-wirt u li lanqas il-funeral tiegħu ma ridhom.

Ix-xhud daħal fil-post flimkien mal-partijiet fil-kawża, pulizija u sid il-post xi 8 xhur wara l-mewt ta' Anthony. Hu jiddeskrivi li sabu d-dar maħmuġa b'riħa tinten, il-banju iswed, cupboards bil-wirdien, sodda bid-demm u cooker maħmuġ fost oħrajn. Wara li naddfu l-post taw lura ċ-ċwievet lis-sid.

Sabu biss Lm900 flus maltin moħbija wara mera imma ebda oġġett ieħor ta' valur.

**Ikkunsidrat:**

**Fl-ewwel talba** tagħha l-attriċi qed titlob lill-Qorti tirrikonoxxi u tiddikjara li hija pprestat serviġi lid-defunt Anthony Micallef matul ħajtu.

Minn eżami tal-provi kollha mressqa, l-Qorti tislet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

1. Għal diversi snin anke wara l-mewt ta' martu, Anthony Micallef kien jgħix ħajja kompletament indipendenti ġewwa daru fejn kien jieħu ħsieb il-ħtiġijiet kwotidjani kollha tiegħu;

2. Matul is-snin, u aktar ma beda jikber fl-eta', jirriżulta li għalkemm baqa' dejjem jinsisti li ma jmurx jgħix ġo xi dar għall-anzjani u lanqas imur jorqod f'xi night shelter, huwa beda jagħraf u jaċċetta l-bżonn li jkollu

għajnuna u assistenza f'ċertu affarijiet. B'hekk għalkemm żamm grad ta' ndipendenza fit-twettiq ta' ċerti rutini u bżonnijiet fosthom li jmur il-Knisja, jmur il-Bank biex isarraf iċ-ċekkijiet tal-pensjoni, jaħseb għall-ikel xi drabi matul il-ġimgħa eċċ pero' mill-bqija ma baqax jagħmel kollox waħdu;

3. Apparti l-attriċi, ġie korroborat minn diversi xhieda, senjatament mill-ġirien u mill-konvenut Francis Micallef, li l-attriċi bdiet tippresta diversi għajnuniet lil Micallef partikolarment fejn jidħol it-tisjir ta' ikel circa 3 jew 4 darbiet f'ġimgħa, tindif fid-dar u ħasil ta' ħwejjeġ skont il-bżonn u anke għajnuna mhux biss fit-trasport kull meta kien jiddaħħal l-isptar;

4. Evidentement, u kuntrarjament għal dak insinwat mill-konvenut u x-xhieda mressqa minnu, Anthony Micallef kien kuntent u dejjem aċċetta din l-għajnuna tant li minn jeddu ta ċ-ċavetta tad-dar lill-attriċi sabiex hija jkollha aċċess liberu għad-dar. Iċ-ċavetta kien tahielha circa tmien snin qabel ma miet u ċioe' fl-istess perjodu li bdiet tieħu ħsieb aktar il-bżonnijiet tiegħu. Ma treġix għalhekk l-allegazzjoni tal-konvenut Joseph Micallef li Anthony ma kienx jafda lill-attriċi u li jekk kien ikollu bżonn xi ħaġa kien jgħid jew lilu jew lil Celia. Kieku ma kiex jafdaha lill-attriċi ma kienx itiha ċ-ċavetta;

5. M'hemm ebda prova li l-attriċi qatt tħallset minn Anthony Micallef ta' dawn is-serviġi għajr għal dawk li kif semmiet hija stess tħallset tagħhom

(bħax-xiri ta' dak suġġerit mis-social workers sabiex id-dar ta' Anthony tkun mgħammra aħjar għas-sigurta' ta' saħħtu);

6. Lanqas ma hemm ebda prova li l-attriċi kienet irrinunzjat għad-dritt li tiġi kumpensata għal dawn is-serviġi li inevitabilment swewlha ħin, spejjeż, traġitti u skariġġi fuq medda ta' snin;

7. Jiġi osservat ukoll li l-konvenut Joseph Micallef irrikonoxxa li hu ma kienx baqa' jżur fiżikament lil Anthony Micallef fl-aħħar ħames snin qabel ma miet minhabba mpenji bil-ħanut li kellu[10]. Kwindi, għalkemm qal li kien iżomm kuntatt miegħu bit-telefon, ftit li xejn jista' jitqies attendibbli dak li qal dwar l-istat tal-għixien u ta' saħħa ta' Anthony Micallef - *"z-ziju Ninu dejjem baqa' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu sa mewtu[11]"* - ladarba kien ilu żmien twil ma jarah regolament. L-aħħar snin infatti, fosthom dawk li matulhom dan il-konvenut ma kienx qed jiltaqa' regolarment ma' zijuh, kienu dawk li fihom l-attriċi kienet qed tagħti dawn is-serviġi lil Micallef. Żgur għalhekk li hija dgħajfa t-teżi tiegħu li dawn ma serviġi mhux veru saru, kif minnu argumentat fit-tieni eċċezzjoni;

8. Il-Qorti tinnota wkoll li anke Celia Muscat fix-xhieda tagħha in kontro-eżami rrikonoxxiet li almenu għal uħud mis-snin, l-attriċi kienet qed tieħu

[10] Fol 62
[11] Fol 62

ħsieb lil Anthony almenu sa fejn kien jidħol l-iskariġġ għall-isptar kull meta Anthony kien ikollu bżonn;

9. Inoltre, anke x-xhieda ta' Gabriel Micallef imressaq mill-konvenut Joseph Micallef, ftit li xejn tixħet dawl fuq is-serviġi mogħtija mill-attriċi u l-frekwenza tagħhom stante li kif ammetta huwa stess in kontro-eżami, huwa kien iżur lil Anthony darba f'sena u jqatta miegħu biss ftit sigħat.Qajla għalhekk jista' jixhed fuq l-istampa vera ta' dak li kien qed jissuċedi;

10. Għal kompletezza, l-Qorti tirreferi wkoll għal eposidji oħra rakkontati mill-konvenut u x-xhieda tiegħu li ma nġibux provi dwarhom fosthom dwar allegat ħmieġ li jgħidu li sabu meta daħlu fil-fond wara li Anthony kien ilu mejjet diversi xhur. Tajjeb hawnhekk jingħad li fi kwalunkwe każ, fi tmien xhur, post li kien ilu daqshekk magħluq huwa konċepibbli li jinstab fih ħmieġ u wirdien eċċ.

Magħmula l-osservazzjonijiet suesposti, l-**ewwel talba tal-attriċi hija għalhekk meqjusa pruvata sal-grad rikjest mill-liġu u sejra tintlaqa'.**

Konsegwentement **ser tintlaqa' wkoll it-tieni talba tal-attriċi** b'dana li ser tiddikjara lill-konvenuti u in solidum bejniethom qua eredi tad-defunt Anthony

Micallef bħala responsabbli għal hlas ta' serviġi li l-attriċi pprestat til Anthony Micallef meta dan kien għadu ħaj għall-perjodu tal-aħħar tmien snin ta' ħajtu u ċioe' mill-2007 sal-2015 (stante li huwa miet fit-tielet jum tal-2016 waqt li kien l-isptar).

**Fit-tielet u r-raba' talba** l-attriċi qed titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.

Din il-Qorti qalet hekk fil-każ **Raymond Barbara et vs Joseph Falzon deċiż fid-29 ta' Jannar 2021** -

*"Dwar il-quantum tas-serviġi, tajjeb jingħad illi huwa biss meta ma jkunx miftiehem speċifikament x`tip ta` kumpens ser ikun dovut illi l-Qorti tista` tillikwida tali kumpens arbitrio boni viri jew bl-assistenza ta` esperti (ara – Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil – PA - 28 ta` Mejju, 2003). Fin-nuqqas ta` ftehim espress dwar il-kumpens li għandu jitħallas, il-ġurisprudenza tagħna elenkat lista ta` fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta ssir il likwidazzjoni :-*

*(i) il-grad ta` qrubija bejn min jaqdi u l-persuna megħjuna*
*(ii) il-frekwenza tas-serviġi*
*(iii) in-natura tas-serviġi*
*(iv) il-kedda, l-inkonvenjent jew it-tbatija biex ingħataw is-serviġi*
*(v) il-grad ta` ħila jew speċjalizzazzjoni li jkunu eserċitati fit-twettieq tas-serviġi*
*(vi) jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna konċernata tkun inkorriet spejjeż jew infieq minn tagħha*
*(vii) il-mezzi tal-persuna li tkun ħadet vantaġġ mill-prestazzjonijiet.*

*(ara : Tessie Micallef et vs Lawrence Galea et - 28 ta` April 2011 ; Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe et - 31 ta` Mejju 2002)*

*Fil-biċċa l-kbira tas-sentenzi, il-kumpens ma jammontax għal somom għoljin (minkejja l-aspettativi ta` l-persuni li jkunu pprestaw is-serviġi) peress illi s servigi kważi dejjem jingħataw minħabba raġunijiet ta` parentela.*

*Fis-sentenza li tat fil-11 ta` Diċembru 2003 fil-kawża fl-ismijiet 'Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius' din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet:-*

*Dan qed jingħad għax, bħala regola ġenerali, il-kumpens mogħti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-benefiċċjarja tkun marida jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bżonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f`dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawża "**Zammit et vs Farrugia Sacco noe**" deċiża fit-28 ta` Ġunju, 1982.*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Mejju 1989 fil-kawża 'Delicata vs Saliba' ingħad illi għax id-dritt għall-ħlas ta` serviġi huwa bbażat fuq kważi kuntratt mhux fuq kuntratt, il-likwidazzjoni tal-quantum mhijiex relatata biss mal-prestazzjoni ut sic iżda trid titqies fil-kuntest ta` fatturi oħra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika. Għalhekk il-metodoloġija tal-kalkolu tal kumpens qatt ma tkun tekwivali b`mod aritmetiku il-valur tax-xogħol li jkun sar.*

*F`sentenza aktar reċenti li tat fit-2 ta` Mejju 2016 fil-kawża '**Francis Mizzi et vs Roseann Galea et'** il-Qorti tal-Appell, wara li qieset illi kienu prestati serviġi estensivi minn żewġ persuni b`mod kontinwu lil persuna li kienet bed-ridden akkordat l-ammont ta` €70 fil-ġimgħa għal kull waħda miż-żewġ persuni.*

*(......)*

*Dwar il-kumpens dovut għal serviġi reżi, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius** tal-11 ta` Diċembru 2003 irriteniet illi:*

*"Dwar il-quantum tal-kumpens, din il-Qorti fil-kawża, "**Vassallo vs Aquilina**", deċiża fid-29 ta` Ġunju, 1982, qalet li wieħed għandu jżomm f`moħħu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta` l-attur ma' l-konvenut. Konsiderazzjonijiet oħra li ġieli ġew konsidrati mill-Qorti tagħna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess saħtu biex jaqdi lill-ħaddieħor, jekk humiex affarijiet li mhux kulħadd kapaċi jidħol għalihom, bħal meta il-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. ħasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjeż li tagħhom ma jkunx ġie rimborsat fil-mument tal-ħruġ tagħhom."*

*Ingħad ukoll fl-istess sentenza:*

*"Dan qed jingħad għax, bħala regola ġenerali, l-kumpens mogħti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-benefiċċjarja tkun marida jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bżonn assistenza personali u kontinwa: ara*

> *kriterju f`dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawża "**Zammit et vs Farrugia Sacco noe**" deċiża fit-28 ta` Ġunju, 1982. Hekk ukoll, fil-kawża "**Buhagiar noe vs Mifsud noe**", deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta` Frar, 1983, għaż-żmien meta s-serviġi kien ta` natura ordinarja u l-attriċi kienet tmur tlett darbiet fil-ġimgħa għand id-decuis u tagħmilha l-faċendi kollha tad-dar, il-kumpens mogħti kien ta` LM 1 fil-gimgħa, fil-waqt li għas-snin ta` wara, meta d-de cuius kienet ta` sikwit timrad u kienet tmur tgħix għand l-attriċi peress li kellha bżonn attenzjoni kontinwa u kostanti, il-kumpens mogħti kien ta` LM3 fil-ġimgħa.*
>
> *Fil-fatt, minn studju tal-ġurisprudenza lokali, wieħed jista` jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f`ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jingħataw kważi dejjem minħabba raġunijiet ta` parentela bejn il-partijiet, u anke għaliex it-talba ghal-hlas ta`servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "**Delicata vs Saliba**", deċiża fit-22 ta` Mejju, 1989, hi bażata fuq kważi – kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nħoloq bejn minn jirrendi s-serviġi u l-benefiċċjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-serviġi, iżda għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi oħra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-serviġi resi u l-ħlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xogħol li sar, iżda adegwat meħud kont taċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ. Hekk, fil-kawża "**Agius vs Galea**", ġia kwotata, din il-Qorti qalet li, fil-fissazzjoni tal-kumpens, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll l-istat soċjali u ekonomiku tal-benefiċċjarju..."*

Fl-isfond ta' dawn l-insenjamenti ġurisprudenzjali, li l-Qorti tagħmilhom tagħha, ser jiġu evalwati t-talbiet tal-attriċi.

Il-Qorti tqis li s-serviġi li tat l-attriċi kien f'kuntest ta' parentela stante li d-defunt Anthony Micallef kien jiġi z-ziju ta' żewġha.

Tqies ukoll li għalkemm ma żewġha kienet iżur lil Micallef qabel, fl-aħħar snin, hu kellu bżonn ħafna iżjed għajununa għax marad.

Ser jittieħdu in kunsiderazzjoni ukol diversi fatturi marbuta mas-serviġi. Apparti n-natura u l-frekwenza tagħhom kif irriżulta mill-provi, jiġi nnutat ukoll li biex l-

attriċi kienet tmur għand Anthony Micallef kellha l-iskariġġ tal-ħin u d-distanza peress li hija kienet trid issuq mir-Rabat għall-Mellieħa kif ukoll l-ispejjeż tal-petrol. Ma ressqet ebda provi oħra (riċevuti) dwar l-infiq tagħha biex wettqet dawn is-serviġi.

Inoltre, Anthony Micallef ma kienx kompletament dipendenti fuqha u kien hemm affarijiet, kif ġia rajna, li huwa kien jagħmel waħdu. Dan ukoll ser jittieħed in konsiderazzjoni.

Kif ingħad fil-ġurisprudenza ċitata, f'ċirkustanzi simili għal dak odjern, il-kumpens akkordat ma jkunx f`ammonti kbar.

Rat ukoll fir-rigward dak li qieset il-Qorti fis-sentenza (mhux appellata) fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Ġiuseppe Brincat et.** [12]

Tenut il-premess, il-Qorti tqis li jkun ġust li fil-każ odjern l-attriċi tiġi akkordata s-somma ta' €18 fil-ġimgħa bħala somma medja għall-perjodu mill-2007 sal-2015 allura għal perjodu ta' tmien snin, li jwassal għas-somma totali ta' €7,488.00 għall-perjodu kollu msemmi.

**It-tielet u r-raba' talba sejrin għalhekk jintlaqgħu kif ingħad.**

**Għall-istess raġunijiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Micallef ser jiġu miċħuda.**

[12] P.A. 17.034.2010 447/1987/1

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi -**

1) **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Micallef;**

2) **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attriċi pprestat servigi lid-defunt Anthony Micallef matul il-perjodu bejn 2007 sal-2015 u ċioe' matul l-aħħar tmien snin ta' ħajtu;**

3) **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom qua eredi tad-defunt Anthony Micallef bħala responsabbli għal ħlas ta' serviġi li l-attriċi pprestat lil Anthony Micallef fil-perjodu msemmi;**

4) **Tilqa' t-tielet talba u tillikwida s-somma ta' seba't elef, erba' mija u tmienja u tmenin Ewro (€7,488.00) bħala serviġi resi mill-attriċi lil Anthony Micallef;**

5) **Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-attriċi, in linea ta serviġi, is-somma hekk likwidata bħala kumpens;**

6) **L-ispejjeż tal-kawża għandhom ikunu a karigu tal-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Rita Falzon**

**Dep. Reġ.**